

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 254/2008

tat-18 ta' Marzu 2008

dwar il-ħruġ ta' liċenzji ta' l-importazzjoni għall-applikazzjonijiet imressqa matul l-ewwel sebat ijiem tax-xahar ta' Marzu 2008 fil-kuntest tal-kwota tariffarja stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 1384/2007 għal-laħam tat-tjur

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2777/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-laħam tat-tjur ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 7(2) tiegħu,Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 tal-31 ta' Awwissu 2006 li jstabbilixxi regoli komuni għall-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji għall-importazzjoni tal-prodotti agrikoli regolati minn sistema ta' liċenzji ta' l-importazzjoni ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 7(2) tiegħu,Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1384/2007 tas-26 ta' Novembru 2007 li jstabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2398/96 li jiftaħ u jipprovd i għall-amministrazzjoni ta' ċerti kwoti tariffarji għall-importazzjoni fil-Komunità ta' prodotti fis-settur tal-laħam tat-tjur li joriġina mill-Iżrael ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(5) tiegħu,

Billi:

- (1) L-applikazzjonijiet għal-liċenzji ta' l-importazzjoni mressqa matul l-ewwel sebat ijiem tax-xahar ta' Marzu 2008 għas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju 2008, (fil-każ tal-liċenzji għall-kwota bin-numru tas-serje 09.4092), huma ogħla mill-kwantitajiet disponibbli. Għaldaqstant, jeħtieġ li jiġi ddeterminat sa liema punt jistgħu jinħarġu l-liċenzji ta' l-importazzjoni, billi jiġi

stabbilit il-koeffiċjent ta' allokkazzjoni li għandu jkun applikat għall-kwantitajiet mitluba.

- (2) L-applikazzjonijiet għal-liċenzji ta' l-importazzjoni mressqa matul l-ewwel sebat ijiem tax-xahar ta' Marzu 2008 għas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju 2008, (fil-każ tal-liċenzji għall-kwota bin-numru tas-serje 09.4091), huma inqas mill-kwantitajiet disponibbli. Għaldaqstant, jeħtieġ li jiġi ddeterminati l-kwantitajiet li għalihom ma tressqux applikazzjonijiet, biex dawn jiżdiedu mal-kwantità stipulata għas-subperjodu tal-kwota li jmiss,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Għall-applikazzjonijiet għal-liċenzji ta' l-importazzjoni mressqa għas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju 2008 skond ir-Regolament (KE) Nru 1384/2007, għandhom japplikaw il-koeffiċjenti ta' allokkazzjoni stipulati fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

2. Il-kwantitajiet li għalihom ma tressqux applikazzjonijiet, li għandhom jiżdiedu mal-kwantità stipulata għas-subperjodu mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Settembru 2008, huma stipulati fl-Anness.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-19 ta' Marzu 2008.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 18 ta' Marzu 2008.

Għall-Kummissjoni

Jean-Luc DEMARTY

Direttur Ġenerali għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

⁽¹⁾ ĠU L 282, 1.11.1975, p. 77. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 679/2006 (ĠU L 119, 4.5.2006, p. 1). Ir-Regolament (KEE) Nru 2777/75 ser jinbidel bir-Regolament (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1) mill-1 ta' Lulju 2008.

⁽²⁾ ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 289/2007 (ĠU L 78, 17.3.2007, p. 17).

⁽³⁾ ĠU L 309, 27.11.2007, p. 40.

ANNEX

Nru tal-grupp	Numru tas-serje	Koeffiċjent ta' allokkazzjoni għall-applikazzjonijiet għal liċenzji ta' l-importazzjoni mressqa fil-perjodu mill-1.4.2008-30.6.2008 (%)	Kwantitajiet mhux mitluba li għandhom jiġdiedu mal-kwantità stipulata għas-subperjodu mill-1.7.2008-30.9.2008 (kg)
IL1	09.4092	5,747185	—
IL2	09.4091	(¹)	280 000

(¹) Mhux applikabbli: il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda applikazzjoni għal liċenzja.